Nru. 17,538
Prezz 96ċ
Price 96c

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tnejn, 9 ta' Frar, 2004
Monday, 9th February, 2004

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

ANNO DOMINI 2004 NRU. III ANNO DOMINI 2004 NO. III

Proklama

MILL-AĠENT PRESIDENT TA' MALTA

(L.S.)

(Iff.) GEORGE HYZLER
Aġent President

BILLI huwa pprovdut bl-artikolu 49 tal-Kostituzzjoni ta' Malta illi kull meta d-detentur tal-kariga ta' President ikun assenti minn Malta l-funzjonijiet mogħtija lilu bl-imsemmija Kostituzzjoni għandhom jiġu moqdija minn dik il-persuna li l-Prim Ministru, wara konsultazzjoni mal-Kap ta' l-Oppożizzjoni, jista' jaħtar;

U BILLI l-President huwa assenti minn Malta;

U BILLI fit-8 ta' Frar, 2004, il-Prim Ministru ħatarni Aġent President għal matul iż-żmien li fih il-President ikun assenti minn Malta;

U BILLI jiena ħadt u ffirmajt kif imiss il-ġurament tal-kariga kif preskritt bl-artikolu 50 ta' l-imsemmija Kostituzzjoni;

ISSA, GĦALHEKK, JIENA, GEORGE HYZLER, K.O.M., TABIB, qiegħed ħawnhekk navża u nipproklama li assumejt illum skond l-imsemmija Kostituzzjoni l-funzjonijiet ta' President ta' Malta.

Magħmula fil-Palazz, Valletta, illum, 8 ta' Frar, 2004.

B'Awtorità.

(Iff.) EDDIE FENECH ADAMI
Prim Ministru

Proclamation

BY THE ACTING PRESIDENT OF MALTA

(L.S.)

(Sd.) GEORGE HYZLER
Acting President

WHEREAS it is provided by section 49 of the Constitution of Malta that whenever the holder of the office of President is absent from Malta the functions conferred upon him by the said Constitution shall be performed by such person as the Prime Minister, after consultation with the Leader of the Opposition, may appoint;

AND WHEREAS the President is absent from Malta;

AND WHEREAS on the 8th day of February, 2004, the Prime Minister appointed me Acting President for such time as the President is absent from Malta;

AND WHEREAS I have duly taken and subscribed the oath of office as prescribed by section 50 of the said Constitution;

NOW, THEREFORE, I, GEORGE HYZLER, K.O.M., DOCTOR OF MEDICINE, do hereby notify and proclaim that I have this day under the said Constitution assumed the functions of President of Malta.

Made at the Palace, Valletta, this 8th day of February, 2004.

By Authority.

(Sd.) EDDIE FENECH ADAMI
Prime Minister

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 117

AVVIŻI LEGALI PPUBBLIKATI FIS-SUPPLIMENT MAL-GAZZETTA TAL-GVERN

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Avviżi Legali li ġejjin ġew ippubblikati fis-Suppliment mal-Gazzetta tal-Gvern Nri. 17,535 u 17,537 tat-3 u s-6 Frar, 2004, rispettivament.

A.L. Nru. 45 ta' l-2004: Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363); Ordni ta' l-2004 li jemenda l-Ordni dwar id-Delega ta' Infurzar mill-Kunsill Lokali.

A.L. Nru. 46 ta' l-2004: Att ta' l-2003 biex jemenda diversi Liġijiet (Att Nru. IX ta' l-2003); Avviż ta' bidu fis-seħħ tat-Taqsima XXIII.

A.L. Nru. 47 ta' l-2004: Att dwar is-Salarji tal-President ta' Malta u ta' Uffiċjali oħra (Kap. 186); Ordni ta' l-2004 dwar ir-Reviżjoni tas-Salarji tal-President ta' Malta u ta' Uffiċjali oħra.

A.L. Nru. 48 ta' l-2004: Att dwar is-Salarji ta' l-Imħallfin u tal-Maġistrati (Kap. 175); Ordni ta' l-2004 dwar ir-Reviżjoni tas-Salarji ta' l-Imħallfin u Maġistrati.

A.L. Nru. 49 ta' l-2004: Att dwar l-Unjoni Ewropea (Kap. 460); Ordni ta' l-2004 dwar it-Test Malti ta' l-*Acquis* ta' l-Unjoni Ewropea.

A.L. Nru. 50 ta' l-2004: Att dwar il-Ħarsien ta' l-Ambjent (Kap. 435); Avviż ta' Bidu fis-Seħħ tar-Regolamenti ta' l-2002 dwar Tluq Deliberat t'Organiżmi Modifikati Ġenetikament fl-Ambjent.

A.L. Nru. 51 ta' l-2004: Att dwar il-Ħarsien ta' l-Ambjent (Kap. 435); Avviż ta' Bidu fis-Seħħ tar-Regolamenti ta' l-2002 dwar il-Kumitat Ko-ordinattiv għall-Biosigurtà.

A.L. Nru. 52 ta' l-2004: Att dwar il-Ħarsien ta' l-Ambjent (Kap. 435); Avviż ta' Bidu fis-Seħħ tar-Regolamenti ta' l-2002 dwar Użu Kontenut ta' Mikro-Organiżmi Modifikati Ġenetikament.

A.L. Nru. 53 ta' l-2004: Att ta' l-2002 dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku ta' Kwalifiki (Att Nru. XVIII ta' l-2002); Avviż ta' bidu fis-seħħ tar-Regolamenti ta' l-2002 dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku ta' l-Edukazzjoni u t-Taħriġ Professjonali.

A.L. Nru. 54 ta' l-2004: Att ta' l-2002 dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku ta' Kwalifiki (Att Nru. XVIII ta' l-2002); Avviż ta' bidu fis-seħħ tar-Regolamenti ta' l-2002 dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku ta' Attivitajiet Professjonali.

GOVERNMENT NOTICES

No. 117

LEGAL NOTICES PUBLISHED IN THE SUPPLEMENT TO THE GOVERNMENT GAZETTE

IT is notified for general information that the following Legal Notices were published in the Supplement to the Government Gazette Nos. 17,535 and 17,537 of the 3rd and 6th February, 2004, respectively.

L.N. No. 45 of 2004: Local Councils Act (Cap. 363); Local Councils (Delegation of Enforcement) (Amendment) Order, 2004.

L.N. No. 46 of 2004: Various Laws (Amendment) Act, 2003 (Act No. IX of 2003); Notice of coming into force of Part XXIII.

L.N. No. 47 of 2004: President of Malta and Other Officers (Salaries) Act (Cap. 186); President of Malta and other Officers (Revision of Salaries) Order, 2004.

L.N. No. 48 of 2004: Judges and Magistrates (Salaries) Act (Cap. 175); Judges and Magistrates (Revision of Salaries) Order, 2004.

L.N. No. 49 of 2004: European Union Act (Cap. 460); European Union Acquis (Maltese Text) Order, 2004.

L.N. No. 50 of 2004: Environment Protection Act (Cap. 435); Commencement Notice of the Deliberate Release into the Environment of Genetically Modified Organisms Regulations, 2002.

L.N. No. 51 of 2004: Environment Protection Act (Cap. 435); Commencement Notice of the Biosafety Co-ordination Committee Regulations, 2002.

L.N. No. 52 of 2004: Environment Protection Act (Cap. 435); Commencement Notice of the Contained Use of Genetically Modified Micro-Organisms Regulations, 2002.

L.N. No. 53 of 2004: Mutual Recognition of Qualifications Act, 2002 (Act No. XVIII of 2002); Commencement of the Mutual Recognition of Professional Education and Training Regulations, 2002.

L.N. No. 54 of 2004: Mutual Recognition of Qualifications Act, 2002 (Act No. XVIII of 2002); Commencement of the Mutual Recognition of Professional Activities Regulations, 2002.

A.L. Nru. 55 ta' l-2004: Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12); Regolamenti ta' l-2004 li jemendaw ir-Regolamenti dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku tal-Kwalifiki ta' Professjonisti Legali.

A.L. Nru. 56 ta' l-2004: Ordinanza dwar l-Armi (Kap. 66); Regolamenti ta'l-2004 dwar il-Moviment ta' Armi tan-Nar u Munizzjoni fi Stati Membri u Provvedimenti Oħra.

A.L. Nru. 57 ta' l-2004: Att ta' l-2003 biex jemenda diversi Liġijiet (Att Nru. IX ta' l-2003); Avviż ta' bidu fis-seħħ tat-Taqsima X.

A.L. Nru. 58 ta' l-2004: Att ta' l-2001 dwar is-Servizzi Veterinarji (Att Nru. XXIII ta' 2001); Regolamenti ta' l-2004 dwar il-Prevenzjoni, Kontroll u Eradikazzjoni ta' Ċerti *Spongiform Encephalopathies* li Jittieħdu.

A.L. Nru. 59 ta' l-2004: Att dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp (Kap. 356); Ordni ta' l-2004 li jemenda l-Ordni dwar il-Klassijiet ta' Użu fl-Ippjanar ta' l-Iżvilupp.

A.L. Nru. 60 ta' l-2004: Att biex jirregola t-Telekomunikazzjoni (Kap. 399); Pubblikazzjoni ta' Disposizzjoni Ulterjuri għad-Direttiva mill-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni.

A.L. Nru. 61 ta' l-2004: Att biex jirregola t-Telekomunikazzjoni (Kap. 399); Pubblikazzjoni ta' Disposizzjoni Ulterjuri għad-Direttiva mill-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni.

A.L. Nru. 62 ta' l-2004: Att dwar l-Għajnuna Finanzjarja lill-Industriji tal-Biedja u tas-Sajd; Regolamenti ta' l-Aġenzija ta' Pagamenti 2004.

Id-9 ta' Frar, 2004

L.N. No. 55 of 2004: Code of Organization and Civil Procedure (Cap. 12); Mutual Recognition of Qualifications of Legal Profession (Amendment) Regulations, 2004.

L.N. No. 56 of 2004: Arms Ordinance (Cap. 66); Firearms and Ammunition (Movement in Member States and other Matters) Regulations, 2004.

L.N. No. 57 of 2004: Various Laws (Amendment) Act, 2003 (Act No. IX of 2003); Notice of coming into force of Part X.

L.N. No. 58 of 2004: Veterinary Services Act, 2001 (Act No. XXIII of 2001); Prevention, Control and Eradication of Certain Transmissible Spongiform Encephalopathies Regulations, 2004.

L.N. No. 59 of 2004: Development Planning Act (Cap. 356); Development Planning (Use Classes) (Amendment) Order, 2004.

L.N. No. 60 of 2004: Telecommunications (Regulation) Act (Cap. 399); Publication of a Further Provision to a Directive by the Malta Communications Authority.

L.N. No. 61 of 2004: Telecommunications (Regulation) Act (Cap. 399); Publication of a Further Provision to a Directive by the Malta Communications Authority.

L.N. No. 62 of 2004: Agriculture and Fisheries Industries (Financial Assistance) Act, Cap. 146; Paying Agency Regulations 2004.

9th February, 2004

Nru. 118

IL-PRIM MINISTRU JERĠA' LURA FUQ DMIRIJIETU

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Onor. Eddie Fenech Adami, K.U.O.M., B.A., LL.D., M.P., reġa' daħal għal dmirijietu ta' Prim Ministru nhar il-Ħamis, il-5 ta' Frar, 2004 u l-arranġamenti magħmulin bin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 104 ta' l-4 Frar, 2004 ma baqgħux iseħħu f'dan is-sens.

Il-5 ta' Frar, 2004
(OPM 12/2004)

No. 118

RESUMPTION OF DUTIES BY THE PRIME MINISTER

IT is notified for general information that the Hon. Eddie Fenech Adami, K.U.O.M., B.A., LL.D., M.P., resumed the duties as Prime Minister on Thursday, 5th February, 2004 and that the arrangements made by Government Notice No. 104 of 4th February, 2004, ceased to have effect accordingly.

5th February, 2004

Nru. 119

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR ĠENERALI (DWANA)

IS-SEGRETARJU Permanenti, Ministeru tal-Finanzi u Affarijiet Ekonomiċi approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIVIŻJONI *DIVISION*	DATA *DATE*
Mr J. Galea Maucieri	Direttur Ġenerali *Director General*	Dwana *Customs*	11 – 15.02.2004

Id-9 ta' Frar, 2004

No. 119

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR GENERAL (CUSTOMS)

THE Permanent Secretary, Ministry of Finance and Economic Affairs has approved the following acting appointment:–

9th February, 2004

Nru. 120

TRIBUNAL TA' REVIŻJONI DWAR SAĦĦA MENTALI

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Ministru tas-Saħħa għoġbu japprova illi ċ-*Chairperson,* il-Membri, il-Membru Sostitut u s-Segretarju tat-Tribunal ta' Reviżjoni dwar Saħħa Mentali maħtur skond Kapitlu 262, Taqsima III ta' l-Att dwar is-Saħħa Mentali, ikun kostwit kif ġej sal-31 ta' Diċembru, 2004.

Chairperson
L-Onor. Imħallef Dott. V. Caruana Colombo, LL.D.

Membri
Dott. Peter Muscat, M.D.
Is-Sur Vince Tonna

Membru Sostitut
Dott. Joseph Cassar, M.D.

Segretarja
Ms Sylvia Ebejer

Is-27 ta' Jannar, 2004
MHCEFA/PS/47/97
DH 581/97

No. 120

MENTAL HEALTH REVIEW TRIBUNAL

IT is notified for general information that the Minister of Health has been pleased to approve that the Chairperson, the Members, the Substitute Member and the Secretary of the Mental Health Review Tribunal, appointed in terms of Chapter 262, Section III of Act of Mental Health, be constituted as follows up to 31st December, 2004.

Chairperson
The Hon. Justice Dr V. Caruana Colombo, LL.D.

Members
Dr Peter Muscat, M.D.
Mr Vince Tonna

Substitute Member
Dr Joseph Cassar, M.D.

Secretary
Ms Sylvia Ebejer

27th January, 2004

Nru. 121

KUMITAT TA' BRAXIA

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Ministru tas-Saħħa għoġbu japprova illi ċ-*Chairperson*, il-Membri, u s-Segretarju tal-Kumitat Ta' Braxia skond ir-Regolamenti ta' l-1926, ikun kostwit kif ġej sal-31 ta' Diċembru, 2004.

Chairperson
Dott. Malcolm Micallef, M.D.

Membri
Is-Sur John Attard Kingswell
Ms Jeannette Zaffarese

Segretarju
Is-Sur P. Micallef

Is-27 ta' Jannar, 2004
MHCEFA/PS/50/97
DH 575/97

No. 121

TA' BRAXIA COMMITTEE

IT is notified for general information that the Minister of Health has been pleased to approve that the Chairperson, members, and the Secretary of Ta' Braxia Committee, appointed in terms of the Regulations of 1926, be constituted as follows up to 31st December, 2004.

Chairperson
Dr Malcolm Micallef, M.D.

Members
Mr John Attard Kingswell
Ms Jeannette Zaffarese

Secretary
Mr P. Micallef

27th January, 2004

Nru. 122

ATT DWAR IL-KUNSILL MALTI GĦALL-ARTIĠJANAT
(ATT NRU. XXI TA' L-2000)

Elezzjoni 2004 ta' Membri fuq il-Kunsill Malti għall-Artiġjanat

SKOND id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 13 ta' l-Iskeda li tinstab ma' l-Att ta' 2000 dwar il-Kunsill Malti għall-Artiġjanat, is-Segretarju jgħarraf li l-elezzjoni avżata fil-ħarġa tal-Gazzetta Nru. 17,522 tad-19 ta' Diċembru, 2003 ma kienx jeħtieġ li ssir minħabba li n-numru ta' kandidati nominati laħaq dak stipulat mil-liġi, jiġifieri 3 artiġjani u imprenditur wieħed.

Għaldaqstant, il-kandidati nominati li isimhom jidher hawn taħt huma dikjarati eletti u l-perjodu tal-kariga jibda b'seħħ mis-7 ta' April, 2004:

Membri rappreżentanti ta' l-artiġjani
Is-Sur Paul Haber
Is-Sur Francis Galea
Is-Sur Louis Galea

Membru rappreżentant ta' l-imprendituri
Is-Sur Mark Saliba

Id-9 ta' Frar, 2004

No. 122

MALTA CRAFTS COUNCIL ACT

(ACT NO. XXI OF 2000)

Election 2004 of Members on the Malta Crafts Council

IN terms of the provisions in paragraph 13 of the Schedule annexed to the Malta Crafts Council Act 2000, the Secretary notifies that the election which was notified in the Gazette No. 17,522 published on 19th December, 2003 was not held because the number of candidates nominated reached that stipulated by law, that is 3 craftsmen and one entrepreneur.

The candidates nominated and whose names are listed below are, therefore, declared as elected and their term of office shall commence with effect from 7th April, 2004:

Members representing the craftsmen
Mr Paul Haber
Mr Francis Galea
Mr Louis Galea

Member representing the entrepreneurs
Mr Mark Saliba

9th February, 2004

Nru. 123

ORDNI TA' EMERĠENZA GĦALL-KONSERVAZZJONI

Artikolu 47 ta' l-Att ta' l-1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp

L-AWTORITÀ ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar iddeċidiet illi l-proprjetà li ġejja, jiġifieri:–

Proprjetà bla numru fi Triq Doni k/m Triq Doni l-Qadima, ir-Rabat (Malta)

(ara l-pjanta f'paġna 785) hi ta' valur arkeoloġiku, storiku, arkitettoniku u ta' valur kuntestwali, tant li għandha tiġi inkluża fil-lista ta' Proprjetà Skedata, skond it-termini ta' l-Artikolu 46 ta' l-Att ta' l-1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp.

L-Awtorità hija wkoll tal-fehma li l-proprjetà msemmija tinsab fil-periklu li jiġrilha ħsara, tinbidel, titwaqqa' jew tinqered għal kollox.

L-Awtorità qiegħda b'hekk toħroġ Ordni ta' Emerġenza għal Konservazzjoni għar-rigward ta' dan is-sit imsemmi hawn fuq, skond artikolu 47 ta' l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp.

(i) Il-proprjetà għandha titqies bħala proprjetà ta' Grad 2, skond il-*Policy* UCO 7 tal-Pjan ta' Struttura minħabba l-valur arkeoloġiku, storiku, arkitettoniku u għall-kuntest li tinsab fih.

(ii) L-ebda tkissir, ħsara, żvilupp, irdim, ċaqliq ta' materjal, tneħħija ta' ġebel, jew alterazzjonijiet, inkluż ta' *fittings* u aperturi, ma jista' jsir fl-ebda parti tal-proprjetà msemmija u l-ġnien tagħha.

(iii) Kwalunkwe żvilupp fil-proprjetà, inkluż il-ġnien, imsemmija fuq għandu josserva l-kundizzjonijiet 4 u 5b tal-permess *outline* PA 3930/99, u l-kundizzjonijiet 2a, 2ċ, 3, u 4 tal-permezz PA 2415/02 li jistipulaw li l-iżvilupp għandu jkun:

–Suġġett għall-kundizzjonijiet imposti mis-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali (dak li qabel kien id-Dipartiment tal-Mużewijiet).

No. 123

EMERGENCY CONSERVATION ORDER

Section 47 of the Development Planning Act, 1992

THE Malta Environment and Planning Authority believes that the following property, namely:–

Unnumbered property at Triq Doni c/w Triq Doni l-Qadima, Rabat (Malta)

(see site plan on page 785) is of archaeological, historical, architectural and contextual value such that it should be listed as a Scheduled Property in terms of Section 46 of the Development Planning Act 1992.

The Authority also believes that the property is in danger of being damaged, altered, demolished or destroyed.

The Authority is hereby issuing an Emergency Conservation Order in respect of the above property in accordance with section 47 of the Development Planning Act.

(i) The property is to be considered as a Grade 2 sheduled property as per Structure Plan Policy UCO 7 by virtue of its archaeological, historical, architectural and contextual value.

(ii) The destruction, damage, development, dumping or movement of material, removal of stones, or alterations, including fittings and apertures, within the property of the said property and its garden is prohibited.

(iii) All development within the precinct of the aforementioned property is to adhere to conditions 4 and 5b of the outline permit PA 3930/99, and conditions 2a, 2c, 3, and 4 of the full development permit which stipulate that development shall be:

– Subject to all conditions imposed by the Superintence of Cultural Heritage (previously the Museums Department).

– Kull miżuri ta' protezzjoni tal-wirt kulturali għandhom ikunu mwettqa skond il-programm miftiehem minn qabel bejn l-iżviluppatur, is-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali u l-MEPA.

– L-iżvilupp approvat għandu jibqa' suġġett għall-permessi minn għandu is-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali.

– Il-provedimenti ta' l-Att dwar il-Wirt Kulturali 2002 (li qabel kien l-Att għall-Protezzjoni ta' l-Antikitajiet, 1925) għandhom jiġu osservati f'kull waqt.

Din l-Ordni tibqa' fis-seħħ għal żmien sitt xhur mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din l-Ordni.

Jekk il-propjetà jiġrilha ħsara, tinbidel, titwaqqa' jew tinqered għal kollox bi ksur ta' din l-Ordni, l-Awtorità teżerċita s-setgħat tagħha ta' infurzar, kif imfissra f'Artikoli 46, 52, 53 u 55 ta' l-Att. L-Att jaħseb għal pieni ħorox għall-ksur ta' kontroll fuq Proprjetà Skedata.

Id-9 ta' Frar, 2004

– Any further safeguard measures to the cultural heritage assets, which may be required, shall be completed to an agreed programme between the developer, the Superintendence of Cultural Heritage and MEPA prior to the commencement of the development.

– The approved development shall remain subject to the clearance from the Museums Department.

– The provisions in the Heritage Act 2002 (previously the Antiquities (Protection) Act, 1925 must be observed at all times.

The Order shall have effect for a period of six months from the date of publication of this Order.

If the property is damaged, altered, demolished or destroyed in contravention of this Order, the Authority will exercise its powers of enforcement as set out in Sections 46, 52, 53 and 55 of the Act. The Act provides for severe penalties for contravention of control on Scheduled Property.

9th February, 2004

Nru. 124

ORDNI GĦALL-KONSERVAZZJONI

Artikolu 46 ta' l-Att ta' l-1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp

L-AWTORITÀ ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tiddikjara li l-monument hawn taħt imsemmi, jiġifieri:–

Fdalijiet Arkeoloġiċi f'proprjetà f'kantuniera, Triq Doni, kantuniera ma' Triq Doni l-Qadima, ir-Rabat (Malta)

(ara l-pjanta f'paġna 785) huma ta' valur arkeoloġiku, storiku u kulturali tant li l-fdalijiet arkeoloġiċi ġew protetti statutorjament bħala Proprjetà Skedata, skond it-termini ta' l-Artikolu 46 ta' l-Att ta' l-1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp u skond in-notifika numru 766/98 kif ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern fit-8 ta' Ottubru, 1998.

L-Awtorità hija wkoll tal-fehma li din il-proprjetà qiegħda fil-periklu u għalhekk għandha bżonn tiġi kkonservata u għalhekk qiegħda toħroġ Ordni għall-Konservazzjoni fir-rigward tal-partijiet tal-proprjetà msemmija hawn fuq skond l-artikolu 46 ta' l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp.

No. 124

CONSERVATION ORDER

Section 46 of the Development Planning Act, 1992

THE Malta Environment and Planning Authority declares that the following heritage asset, namely:–

Archaeological Deposits at corner property, Triq Doni, c/w Triq Doni l-Qadima, Rabat (Malta)

(see site plan on page 785) are of archaeological, historical and cultural importance such that the archaeological deposits were statutorily protected as Scheduled Property in terms of Section 46 of the Development Planning Act 1992 and according to Government Notice 766/98 as published in the Government Gazette dated 8th October 1998.

The Authority also believes that the above-mentioned arhaeological deposits are in danger of being destroyed and is hereby issuing a Conservation Order in respect of the above mentioned property in accordance with section 46 of the Development Planning Act.

Il-fdalijiet arkeoloġiċi jinsabu fil-periklu li jisfaw danneġġati jew meqruda u minħabba f'hekk il-provvedimenti li ġejjin japplikaw:

1. L-ebda żvilupp jew xogħol ta' kwalunkwe tip, ħlief għall-konservazzjoni tad-depożiti arkeoloġiċi, ma jista' jsir fis-sit hawn fuq imsemmi skond kif diġà provdut mill-kundizzjonijiet tal-permess għall-iżvilupp u d-dispożizzjonijiet ta' l-att dwar il-Wirt Kulturali 2002.

2. Kull intervent ta' konservazzjoni fuq il-fdalijiet arkeoloġiċi għandu jaqa' direttament u esklussivament taħt ir-responsabbiltà tal-Gvern, jiġifieri s-Sovrintendenza tal-Wirt Kulturali, li jistgħu jwettqu l-pjan ta' konservazzjoni flimkien ma' aġenziji oħra, inkluż is-sid tal-proprjetà, u kif miftiehem bejn l-istess Sovrintendenza u l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar.

3. Rapport dettaljat dwar il-konservazzjoni tal-fdalijiet arkeoloġiċi għandu jiġi mħejji mis-Sovrintendenza tal-Wirt Kulturali. Is-superviżjoni tax-xogħlijiet ta' konservazzjoni għandha ssir mis-Sovrintendenza tal-Wirt Kulturali.

4. Is-Sovrintendenza tal-Wirt Kulturali tista' tiddelega lill-aġenziji governattivi, parastatali, privati, jew għaqdiet mhux governattivi kull xogħol relatat ma' din l-ordni u kif ordnat mill-istess Sovrintendenza tal-Wirt Kulturali.

5. Għandu jkun hemm ftehim bejn is-Sovrintendenza tal-Wirt Kulturali u l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar dwar il-metodi ta' konservazzjoni ta' dawn il-fdalijiet arkeoloġiċi. Il-programm għandu jitfassal fuq il-kriterji stabbiliti fil-Konvenzjonijiet, *Charters* u Protokolli stabbiliti mill-Kunsill ta' l-Ewropa u l-UNESCO li Malta ffirmat għalihom;

Jekk issir ħsara jew tibdil bi ksur ta' din l-Ordni, l-Awtorità teżerċita s-setgħat tagħha ta' infurzar, kif imfissra f'Artikoli 46, 52, 53 u 55 ta' l-Att. L-Att jaħseb għal pieni ħorox għall-ksur ta' kontroll fuq Proprjetà Skedata.

Id-9 ta' Frar, 2004

The archaeological deposits in question are prone to damage and for this reason the following provisions apply:

1. No development or works of any nature, except for the conservation of the archaeological deposits, shall be allowed on the site in question in line with permit conditions already issued and in full respect of the provisions of the Heritage Act 2002.

2. Any conservation intervention on the archaeological deposits shall be the exclusive responsibility of the Government, namely the Superintendence of Cultural Heritage, who may require to implement their conservation plan in conjunction with other agencies, including the property owner, as agreed between the same and the Malta Environment and Planning Authority;


3. A detailed method statement for the conservation of the archaeological deposits shall be prepared by the Superintendence of Cultural Heritage. Supervision of the conservation works shall also be provided by the Superintendence of Cultural Heritage.

4. The Superintendence of Cultural Heritage may delegate to other government, parastatal, private agencies or NGOs any works related to this order as directed and supervised by the Superintendence of Cultural Heritage.

5. The Superintendence of Cultural Heritage and the Malta Environment and Planning Authority shall agree on the conservation methods to be employed in the particular case in point. The programme has to follow the criteria established by the Council of Europe and UNESCO in their Conventions, Charters and Protocols, to which Malta is signatory;

If the property is damaged or altered in contravention of this Order, the Authority will exercise its powers of enforcement as set out in Sections 46, 52, 53 and 55 of the Act. The Act provides for severe penalties for contravention of control on Scheduled Property.

9th February, 2004


N
CIMITERJU
TRIQ DONI
TRIQ DONI L-QADIMA
TRIQ IL-MITHNA
TRIQ BIR IL-LJUN
TRIQ SAN MARTIN
TRIQ DONI L-QADIM
St. Francis Ravelin
Floriana
PO Box 200, Valletta
Tel:240976 Fax:224846
MEPA
MALTA ENVIRONMENT AND PLANNING AUTHORITY
(c) Copyright MEPA
Bounding Co-Ords.of Map :-
Min E39824, N87828
Max E40287, N88245
Title :-
Emergency Conservation Order & Conservation Order, Rabat
Ref No. :- GF 4032/03
Unnumbered Property Triq Doni c/w Triq il-Qadima
Form No. :- MU004

Nru. 125

ORDNI TA' EMERĠENZA GĦALL-KONSERVAZZJONI

Artikolu 47 ta' l-Att ta' l-1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp

L-AWTORITÀ ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar iddeċidiet li din iż-żona:–

Ta' l-Imsaqfa, is-Siġġiewi

(ara l-pjanti f'paġni 787 u 788) tista' tkun ta' valur xjentifiku, ekoloġiku u arkeoloġiku hekk li għandha tkun inkluża fil-lista ta' żoni skedati, skond it-termini ta' l-Artikolu 46 ta' l-Att ta' l-1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp.

L-Awtorità hija wkoll tal-fehma li l-proprjetà msemmija tinsab fil-periklu li tiġi danneġġata jew distrutta.

L-Awtorità qiegħda b'hekk toħroġ Ordni ta' Emerġenza għal Konservazzjoni għar-rigward taż-żona msemmija hawn fuq, skond artikolu 47 ta' l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp.

(i) Iż-żona għandha titqies bħala Sit ta' Importanza Xjentifika ta' Livell 1 u Arja ta' Importanza Ekoloġika ta' Livell 2, skond il-*policies* RCO 10, RCO 11 u RCO 12 tal-Pjan ta' Struttura minħabba l-valur ekoloġiku u xjentifiku tagħha.

(ii) Iż-żona għandha wkoll titqies bħala arja ta' importanza arkeoloġika ta' klassi B skond il-*policies* ARC 1 u ARC 2 tal-Pjan ta' Struttura.

(iii) L-ebda żvilupp ma jista' jsir fl-ebda parti ta' l-imsemmija żona.

(iv) Kull tibdil jew interventi oħra fuq iż-żona msemmija, li jistgħu jkunu bil-permess, għandhom jiġu approvati minn qabel mill-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar.

Din l-Ordni tibqa' fis-seħħ għal żmien sitt xhur mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din l-Ordni.

Jekk iż-żona tiġi b'xi mod danneġġata jew mibdula bi ksur ta' din l-Ordni, l-Awtorità teżerċita s-setgħat tagħha ta' twettiq, kif imfissra f'Artikoli 46, 52, 53 u 55 ta' l-Att. L-Att jaħseb għal pieni ħorox għall-ksur ta' kontroll fuq Proprjetà Skedata.

Id-9 ta' Frar, 2004

No. 125

EMERGENCY CONSERVATION ORDER

Section 47 of the Development Planning Act, 1992

THE Malta Environment and Planning Authority considers the following site at:–

Ta' l-Imsaqfa, Siġġiewi

(see site plans on pages 787 and 788) as being of scientific and arhaeological importance such that it should be listed as Scheduled Property in terms of Section 46 of the Development Planning Act 1992.

The Authority also believes that the aforementioned site is in danger of being damaged or destroyed.

The Authority is hereby issuing an Emergency Conservation Order in respect of the above site in accordance with section 47 of the Development Planning Act.

(i) The site is considered as a Level 1 Site of Scientific Importance and level 2 Area of Ecological Importance as per Structure Plan Policies RCO 10, RCO 11 and RCO 12.

(ii) The site is considered as a Class B Site of Archaeological Importance in terms of Structure Plan Policies ARC 1 and ARC 2.

(iii) No development will be permitted on any part of the aforementioned site (as per attached plan).


(iv) Any intervention on the above site, which might be permissible must be approved in advance by the Malta Environment and Planning Authority.

The Order shall have effect for a period of six months from the date of publication of this Order.

If the said site is in any way damaged or altered in contravention of this Order, the Authority will exercise its powers of enforcement as set out in Sections 46, 52, 53 and 55 of the Act. The Act provides for severe penalties for contravention of control on Scheduled Property.

9th February, 2004

St. Francis Ravelin
Floriana
PO Box 200, Valletta
Tel:240976 Fax:224846
MEPA
MALTA ENVIRONMENT AND PLANNING AUTHORITY
(c) Copyright MEPA
Bounding Co-Ords.of Map :-
Min E39824, N87828
Max E40287, N88245
Title :-
Emergency Conservation Order, Ta' l-Imsaqfa, Siġġiewi
Ref No. :- GF 0002/04
Key :-
Level 1 Site of Scientific Importance & Level 2 Area of Ecological Importance
Level 3 Area of Ecological Importance
Form No. :- MU/004
Il-Fulija
N
0
30
60
90
120m


St. Francis Ravelin
Floriana
PO Box 200, Valletta
Tel:240976 Fax:224846
MEPA
MALTA ENVIRONMENT AND PLANNING AUTHORITY
(c) Copyright MEPA
Bounding Co-Ords.of Map :-
Min E39824, N87828
Max E40287, N88245
Title :-
Emergency Conservation Order, Ta' l-Imsaqfa, Siġġiewi
Ref No. :- GF 0002/04
Key :-
Class B Site of Archaeological Importance
Class B Ancient Quarries
Class B Cart Ruts
Class B Punic Tombs
Class B Cave
Form No. :- MU0004
Ċens Mota
Il-Fulija
Ta'l-Imsaqfa
Ix-Xagħri ta'Żuta
N
0
40
80
120
160m

Nru. 126

ATT TA' L-1989 DWAR IL-PROMOZZJONI TA' PRODOTTI LOKALI

(ARTIKOLU 9)

Eżenzjoni minn Ħlas ta' Imposta

NGĦARRFU b'din illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 9 ta' l-Att ta' l-1989 dwar il-Promozzjoni ta' Prodotti Lokali, il-Ministru responsabbli għall-Industrija approva l-eżenzjonijiet li ġejjin minn ħlas ta' imposta.

No. 126

LOCAL MANUFACTURES (PROMOTION) ACT, 1989

(SECTION 9)

Exemption from Payment of Levy

IT is hereby notified that in exercise of the powers conferred upon him by section 9 of the Local Manufactures (Promotion) Act, 1989, the Minister responsible for Industry has approved the following exemptions from payment of levy.

Id-9 ta' Frar, 2004 9th February, 2004

H.S. Code ***H.S. Code***	**Importatur** ***Importer***	**Deskrizzjoni tal-Prodott** ***Product description***	**Kwantità** ***Quantity***	**Data** ***Date***
0207.27.50.00	Chef Choice Ltd.	Boneless chicken meat	50000 kgs	14/01/04
1902.19.90.00	Ancams Ltd.	Gnocchi con patate	4800 kgs	15/01/04
2002.10.90.00	Ancams Ltd.	250 cartons x 2 x 3100g pomodori secchi	1500 kgs	15/01/04
		150 cartons x 12 x 314grms pomodori secchi	565.2 kgs	
2005.90.10.00		600 cartons x 3 x 5 kgs red/yellow peppers fillets	9000 kgs	
1602.32.30.00	Food Operations Ltd.	Pizza Hut chicken wings	1500 kgs	15/01/04
		Pizza Hut Gran Pan chicken	2000 kgs	
1602.42.10.00		Pizza Hut pepperoni topping	5000 kgs	
		Pizza Hut pork topping	3000 kgs	
1602.50.10.00		Pizza Hut beef topping	6000 kgs	
0401.30.11.00	Lawrence Quintano & Co. Ltd.	4680 cases Bayernland UHT coffee creamer x 10gr tubs	5616 kgs	15/01/04
0207.14.70.00	Tas-Sajku Poultry Products	Block frozen chicken meat for manufacturing purposes only	30000 kgs	15/01/04
1602.31.30.00	Double 'R' Meats Co. Ltd.	900 cases x 12 x 450g Mini Kievs	4860 kgs	16/01/04
		15 cases x 24 x 340g Cheese Hamwick	122.40 kgs	

H.S. Code ***H.S. Code***	**Importatur** ***Importer***	**Deskrizzjoni tal-Prodott** ***Product description***	**Kwantità** ***Quantity***	**Data** ***Date***
2002.90.91.10	Magro Bros. (Foods) Ltd.	Tomato concentrate	110400 kgs	19/01/04
2002.90.91.10	Vernon's Food Mfg. & Trading Co. Ltd.	Tomato paste 36 – 38%	55.2 tonnes	19/01/04
1905.90.45.00	Sunflower Trading	Wheat free organic oat cakes Wheat free cheese oat cakes Wheat free rough oat cakes Wheat free fine milled oat cakes	240 packets 240 packets 320 packets 320 packets	19/01/04
1517.10.10.90	Rimus Trading Agency Ltd.	Romi Butterich Margarine 7g tub	2520 kgs	19/01/04
1901.20.00.00	Maltos Co. Ltd.	Easy Multigrains	1250 kgs	15/01/04
1602.32.30.00	Foodfinders Ltd.	200 cases Cordon Bleu 176 cases Cordon Bleu 200 cases Spinacini 112 cases Cordon Bleu	432 kgs 675.8 kgs 486 kgs 430 kgs	20/01/04
2103.20.00.10	P.J. Sutters Co. Ltd.	90 cases (275 x 12 grms) Ketchup Sachets	297 kgs	20/01/04
1902.19.90.00	Nectar Ltd.	Gnocchi Patate	3600 kgs	20/01/04
2002.10.90.00	P.J. Sutters Co. Ltd.	Tutto Sole (sundried tomatoes) Soleggiati Pomodori Spicchi (sundried tomatoes)	19 kgs 19 kgs	21/01/04
2003.10.30.10		Funghi di Bosco Misti al Nat (mushrooms) Cocktail di Funghi Trif (mushrooms) Porcini Natur Boschetto (mushrooms)	20 kgs 19 kgs 58 kgs	
2103.90.90.10	Francis Busuttil & Sons (Marketing) Ltd.	120 cases UB Sauce 2 St. Sweet & Sour 540g x 6 20 cases UB 2 St. Spicy Szechuan 520g x 6 40 cases UB Sauce 2 Step Tikka Masala 500g x 6 100 cases UB Sauce Tikka Masala 500g x 6 250 cases UB Sauce Sweet & Sour Veg. 500g x 6 200 cases UB Sauce Sweet & Sour Pineapple	391.68 kgs 62.88 kgs 120.96 kgs 301.80 kgs 754.50 kgs 500g x 6	26/01/04 603.60 kgs

H.S. Code ***H.S. Code***	**Importatur** ***Importer***	**Deskrizzjoni tal-Prodott** ***Product description***	**Kwantità** ***Quantity***	**Data** ***Date***
1602.31.30.00	The Food House (Marketing) Ltd.	Frozen Poultry Cordon Bleu x 125g x 5 kgs	2360 kgs	26/01/04
		Frozen Poultry Cordon Bleu x 100g x 5 kgs	2720 kgs	
0210.19.81.00	Vivian Corporation Ltd.	Prosciutto Belmagro Dis. Press	131.58 kgs	26/01/04
		Prosciutto Borgoforte Pelatello	133.94 kgs	
		Speck Pusterese 1/2	9.39 kgs	
		Affettato Crudo	28.00 kgs	
		Coppa T. Parma	6.40 kgs	
		Affettato Misto	12.50 kgs	
1602.49.19.00		Pastete Primavera	34.62 kgs	
		Pastete Olive 1/2 SV	10.04 kgs	
2003.10.30.10	Magro Bros. (Foods) Ltd.	12096 cans canned mushrooms x 3.1 kgs	37497.6 kgs	26/01/04
2003.10.30.10	Magro Bros. (Foods) Ltd.	6048 cans canned mushrooms x 3.1 kgs	18748.8 kgs	27/01/04
0710.80.61.00	Paolo Bonnici Ltd.	90 cases frozen mushrooms	486 kgs	27/01/04
2003.10.30.10	Vernon's Food Mfg. & Trading Co. Ltd.	2000 cartons mushrooms for reprocessing	34080 kgs	27/01/04
2003.10.30.10	Vernon's Food Mfg. & Trading Co. Ltd.	1008 cartons mushrooms for reprocessing	18144 kgs	27/01/04
1602.32.30.00	Paolo Bonnici Ltd.	120 packets Cotoletta Med.	84 kgs	27/01/04
1602.32.30.00	Foodfinders Ltd.	384 cases battered nuggets	4608 kgs	28/01/04
1602.32.30.00	Foodfinders Ltd.	1214 cases battered nuggets	5937 kgs	28/01/04
1602.32.30.00	Foodfinders Ltd.	364 cases battered nuggets	3120 kgs	28/01/04
1602.32.30.00	Foodfinders Ltd.	468 cases battered nuggets	3640 kgs	28/01/04
1602.32.30.00	Foodfinders Ltd.	382 cases battered nuggets	3300 kgs	28/01/04
1602.32.30.00	Foodfinders Ltd.	104 cases battered nuggets	520 kgs	28/01/04
1901.20.00.00	O.K. Products Ltd.	Snack pellets (mini potato wheels)	990 kgs	28/01/04

Nru. 127

ATT DWAR IL-LIĊENZI TAL-KUMMERĊ (KAP. 441)

Regolamenti dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ 2002

SKOND id-dispożizzjonijiet tar-regolament 8 tar-Regolamenti dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ 2002, is-Sezzjoni ghal Liċenzar tal-Kummerċ qieghda hawnhekk tippubblika avviżi ta' l-applikazzjonijiet li ġejjin:

No. 127

TRADING LICENCES ACT (CAP. 441)

Trading Licences Regulations 2002

IN terms of the provisions of regulation 8 of the Trading Licences Regulations 2002, the Trade Licensing Unit is hereby publishing a notice of the following applications:

Nru. tar-riferenza *Reference No.*	Isem ta' l-applikant *Name of Applicant*	Indirizz tal-post kummerċjali *Address of the commercial premises*	Attività kummerċjali *Commercial activity*	Kodiċi tal-Klassi *Type Code*	Data *Date*
CD/3209/2003 Pt 438	Jose Grima	'Marquis' Triq il-Kanun Qormi	Kategorija III - Bejgh bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	50.1	04.02.04
CD/3209/2003 Pt 526	Mariella Zikic	Pablo Shoes 2, Marku Falzon Birkirkara	Kategorija III - Bejgh bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	52.42 52.43	04.02.04
CD/3209/2003 Pt 528	Mario Balzan Demajo	Pedigree Toyshops Level 2, Embassy Shopping Complex Triq Santa Luċija Valletta	Kategorija III - Bejgh bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	52.47 52.48.9 52.48.11	04.02.04
CD/3209/2003 Pt 538	Joseph Cortis	Precision Optical 62, Triq tal-Herba Birkirkara	Kategorija V - Servizzi professjonali u kummerċjali *Category V - Professional and business services*	52.48.4	04.02.04
CD/3209/2003 Pt 549	Angela Delia	Simon Models 24, Dawret it-Torri Santa Luċija	Kategorija III - Bejgh bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	52.47 52.48.9	04.02.04

Nru. tar-riferenza *Reference No.*	Isem ta' l-applikant *Name of Applicant*	Indirizz tal-post kummerċjali *Address of the commercial premises*	Attività kummerċjali *Commercial activity*	Kodiċi tal-Klassi *Type Code*	Data *Date*
CD/3209/2004 Pt 5	John Axiak	Maxku Fresh Fruit and Vegetables Triq Donato Del Piano Żurrieq	Kategorija I - Proċessar, manifattura u bejgħ ta' prodotti ta' ikel u xorb *Category I - Processing, manufacturing and sale of food products and beverages*	52.21	04.02.04
CD/3209/2004 Pt 30	Anthony Mifsud	89, Triq il-Palazz l-Antik tal-Gvernatur Vittoriosa	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	52.33 52.47 52.48.13	04.02.04
CD/3209/2004 Pt 32	Joseph Grech	Gozitano Fruit & Vegetable Wholesale Koperattiva Agrikola Għawdxija Gozitano Ltd. Triq Imġarr Xewkija Għawdex	Kategorija I - Proċessar, manifattura u bejgħ ta' prodotti ta' ikel u xorb *Category I - Processing, manufacturing and sale of food products and beverages*	52.21	04.02.04
CD/3209/2004 Pt 33	George Abela	George Motor Repair N/S in Triq Notabile Mriehel	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	50.2 50.3	04.02.04
CD/3209/2004 Pt 48	Leonard Cassar	Leonard Cassar 32, Triq iż-Żagħfran Attard	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	52.42 52.44	04.02.04

Kull persuna li għandha interess, tista' tagħmel oġġezzjonijiet jew ilmenti kontra l-għoti ta' liċenza fuq kwistjonijiet ta' kummerċ biss. Kull oġġezzjoni jew ilment għandu jingħata bil-miktub lis-Sezzjoni Liċenzi tal-Kummerċ, Direttorat għas-Servizzi tal-Kummerċ, Diviżjoni għall-Kummerċ, Lascaris, Valletta, fi żmien għaxart ijiem mid-data li tidher hawn taħt.

Any person showing an interest may file an objection or make representations against the grant of this licence only on trade issues. Such objections or representation may be filed in writing at the Trading Licences Unit, Trade Services Directorate, Commerce Division, Lascaris, Valletta, within ten days from the date shown below.

Id-9 ta' Frar, 2004

9th February, 2004

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Postijiet ta' Ufficjal Mediku Anzjan (*Primary Health Care Services*) fil-Qasam Amministrattiv fid-Diviżjoni tas-Saħħa

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet mingħand *medical practitioners* bi kwalifiki adattati għall-postijiet ta' Uffiċjal Mediku Anzjan *(Primary Health Care Services)* fil-Qasam Amministrattiv fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

2.1 Il-post ta' Uffiċjal Mediku Anzjan għandu salarju ta' Lm6,948 fis-sena li jitla' b'żidiet fis-sena ta' Lm256 sa massimu ta' Lm8,484.

3.1 In-nomina, li hija soġġetta għall-konferma wara li tgħaddi sena, hija soġġetta għar-regoli u regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta u d-Diviżjoni tas-Saħħa. Il-persuna nominata tista' tiġi trasferita skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku.

3.2 Din in-nomina hi fuq bażi *full-time* u l-persuna nominata tkun meħtieġa li taħdem skond *roster* stabbilit li jinkludi *night duty*. Sigħat ta' xogħol 'il fuq minn erbgħin (40) siegħa fil-ġimgħa u xogħol fil-Ħdud u btajjel pubbliċi jitħallsu b'remunerazzjoni addizzjonali skond ir-rati approvati.

3.3. Il-persuna nominata tkun intitolata għall-benefiċċji u suġġetta għall-kundizzjonijiet li jkunu mniżżlin fi kwalunkwe ftehim bejn il-Gvern u l-*Union* kompetenti.

4. Il-persuna nominata titħalla teżerċita l-professjoni tagħha privatament kemm-il darba:

a) dan isir strettament barra mill-ħinijiet uffiċjali tax-xogħol tagħha; u

b) dan ma jfixkilx jew ma jmurx kontra d-dmirijiet uffiċjali tagħha jew l-esiġenzi tas-servizz.

